



European Securities and
Markets Authority

Linji gwida

Dwar ir-Rappurtar ta' Saldu Internalizzat skont l-Artikolu 9 tas-CSDR



Linji gwida dwar ir-Rappurtar ta' Saldu Internalizzat skont l-Artikolu 9 tas-CSDR

I. Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti magħżula skont l-Artikolu 11 tas-CSDR¹ u għall-internalizzaturi tas-saldu kif definit fl-Artikolu 2(1)(11) tas-CSDR.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-rappurtar ta' saldu internalizzat u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-saldu internalizzat skont l-Artikolu 9(1) tas-CSDR.

Meta?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 30/04/2019.

II. Definizzjonijiet

4. It-termini użati f'dawn il-linji gwida għandhom l-istess tifsira bħal fis-CSDR, u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/391².

III. Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li tiġi żgurata applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 9 tas-CSDR kif ukoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/391 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/393³, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-saldu internalizzat.

¹Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1–72).

²Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/391 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment il-kontenut tar-rappurtar dwar is-saldi internalizzati (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 44-47).

³Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/393 tal-11 ta' Novembru 2016 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mudelli u l-proċeduri għar-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni fuq saldi internalizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 116–144).

IV. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

4.1. Status tal-linji gwida

6. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA⁴. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtiġilhom jaġġmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
7. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif xieraq, inkluż meta linji gwida partikolari jkunu immirati primarjament lejn parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

4.2 Rekwiżiti ta' rappurtar

8. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli mis-sit web tal-ESMA. Ladarba timtela, il-formola ta' notifika għandha tintbagħat lill-ESMA bl-użu tal-indirizz tal-email li ġej: csdr.data@esma.europa.eu.
9. L-internalizzaturi tas-saldu mhumiex meħtieġa jirrappurtaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

⁴ Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

V. Linji gwida dwar ir-rappurtar ta' saldu internalizzat

5.1 Kamp ta' applikazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata mill-internalizzaturi tas-saldu

10. L-attributi kollha li ġejjin jenħtieġ li jkunu preżenti biex struzzjoni ta' saldu tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar ta' saldu internalizzat:

- a) internalizzatur tas-saldu jirċievi struzzjoni dwar saldu mingħand klijent fir-rigward ta' saldu għal tranżazzjoni ta' titoli u l-istruzzjoni tas-saldu ma tintbagħatx kompletament lil entità oħra tul il-katina taż-żamma;
- b) tali struzzjoni ta' saldu tirriżulta jew huwa preżunt li tirriżulta fi trasferiment ta' titoli minn kont tat-titoli wieħed għal ieħor fil-kotba tal-internalizzatur tas-saldu, mingħajr l-ebda moviment ta' titoli parallel u estern tul il-katina taż-żamma).

11. It-tipi ta' tranżazzjonijiet u operazzjonijiet li ġejjin jenħtieġ li jitqiesu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar ta' saldu internalizzat:

- a) ix-xiri jew il-bejgħ ta' titoli (inkluż xiri jew bejgħ ta' titoli tas-suq primarju);
- b) operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kollateral (inklużi operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kollateral triparti jew operazzjonijiet ta' awtokollateralizzazzjoni);
- c) is-self ta' titoli u t-teħid b'self ta' titoli;
- d) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid;
- e) it-trasferimenti ta' titoli bejn kontijiet ta' fondi ta' investiment differenti (jenħtieġ li fondi b'personalità ġuridika jew mingħajrha jiġu ttrattati bħala klijenti);
- f) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment minn internalizzatur tas-saldu fuq inizjattiva personali, sa fejn jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' saldu ma' klijenti tal-internalizzatur tas-saldu;
- g) it-trasferiment ta' titoli bejn żewġ kontijiet ta' titoli tal-istess klijent;
- h) arranġamenti kollaterali finanzjarji bi trasferiment ta' titlu kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE⁵ (FCD);
- i) arranġamenti kollaterali ta' sigurtà kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tal-FCD, meta jkun hemm trasferiment ta' titoli bejn il-kontijiet;

⁵Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.06.2002, p. 0043 – 0050)

- j) azzjonijiet korporattivi dwar il-fluss irrappreżentati permezz ta' trasformazzjonijiet.
12. It-tipi ta' tranżazzjonijiet u operazzjonijiet li ġejjin jenħtieġ li jitqiesu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar ta' saldu internalizzati:
- a) azzjonijiet korporattivi dwar l-istokk, b'halma huma d-distribuzzjonijiet ta' flus (eż. dividend fi flus kontanti, pagament tal-imgħax), distribuzzjonijiet ta' titoli (eż. dividend fi stokks; ħruġ ta' bonus), riorganizzazzjonijiet (eż. konverżjoni, qsim ta' stokk, tiffidja, offerta ta' prezz);
 - b) azzjonijiet korporattivi dwar il-fluss irrappreżentati minn pretensjonijiet tas-suq;
 - c) operazzjonijiet tas-suq primarju, jiġifieri l-proċess ta' ħolqien inizjali ta' titoli;
 - d) il-ħolqien u t-tiffidja ta' unitajiet ta' fondi;
 - e) ħlasijiet bi flus puri, mhux relatati ma' tranżazzjonijiet ta' titoli;
 - f) tranżazzjonijiet eżegwiti f'ċentru tan-negozjar u ttrasferiti miċ-ċentru tan-negozjar lil CCP għall-ikklerjar jew lil CSD għal saldu.
13. Jenħtieġ li internalizzatur tas-saldu jirrapporta l-istruzzjonijiet ta' saldu kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati f'dawn il-linji gwida, irrISPettivament minn kwalunkwe nettjar imwettaq minn dak l-internalizzatur tas-saldu. Jenħtieġ li nettjar imwettaq minn CCPs ma jkunx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' rappurtar ta' saldu internalizzati.
- Jekk jogħġbok ara l-eżempji fl-Anness.
14. Jenħtieġ li t-tipi ta' strumenti finanzjarji li ġejjin jitqiesu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' rappurtar ta' saldu internalizzati;
- a) l-istrumenti finanzjarji li inizjalment jiġu rreġistrati jew jiġu ċentralment miżmuma fis-CSDs awtorizzati fl-UE, jiġifieri strumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom CSD tal-UE jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD ta' emittent;
 - b) l-istrumenti finanzjarji li jiġu rreġistrati f'CSD tal-UE li jaġixxi b'kapaċità ta' CSD investitur għall-istrumenti finanzjarji rispettivi, anke minkejja li jistgħu jkunu inizjalment irreġistrati jew ċentralment miżmuma lil hinn mis-CSDs awtorizzati fl-UE.
15. Il-kategorija "strumenti finanzjarji oħrajn" imsemmija fl-Artikolu 2(1)(g)(ix) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/391 jenħtieġ li tkopri kwalunkwe strument finanzjarju li ma jiġi kategorizzat taħt l-ebda wieħed mit-tipi msemmija b'mod espliċitu fl-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament, u li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati f'dawn il-linji gwida

5.2 Entitajiet responsabbli mir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti

16. Is-saldu internalizzat jista' jseħħ f'livelli differenti ta' katina taż-żamma tat-titoli (kustodji globali, subkustodji, eċċ), u jenħtiegħ li jiġi rrapportat fil-livell fejn iseħħ. Kull internalizzatur ta' saldu jenħtiegħ li jkun responsabbli mir-rappurtar tas-saldu li jkun ġie internalizzat fil-kotba tiegħu biss.

17. Jenħtiegħ li internalizzatur tas-saldu jibgħat l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 9(1) tas-CSDR, fir-rapporti li ġejjin, lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit:

- a) rapport wieħed għall-attività tiegħu fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit (inkluż l-attività tal-fergħat tiegħu f'dak l-Istat Membru);
- b) rapporti separati għall-attività tal-fergħat tiegħu skont l-Istat Membru;
- c) rapport wieħed għall-attività tal-fergħat tiegħu f'pajjiżi terzi.

Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej:

Internalizzatur tas-saldu stabbilit fi Stat Membru A, li għandu żewġ fergħat fi Stat Membru A, fergħa fi Stat Membru B, żewġ fergħat fi Stat Membru C, fergħa f'pajjiż terz D u żewġ fergħat f'pajjiż terz E, jenħtiegħ li jibgħat erba' rapporti lill-awtorità kompetenti fi Stat Membru A, kif ġej:

- a) rapport wieħed li jkopri l-attività tiegħu fi Stat Membru A, inkluż l-attività tal-fergħat tiegħu f'dak l-Istat Membru (filwaqt li jispeċifika l-kodiċi tal-pajjiż ta' Stat Membru A);
- b) rapport wieħed li jkopri l-attività tal-fergħa tiegħu fi Stat Membru B (filwaqt li jispeċifika l-kodiċi tal-pajjiż tal-fergħa ta' Stat Membru B, flimkien mal-kodiċi tal-pajjiż ta' Stat Membru A tal-internalizzatur tas-saldu);
- c) rapport wieħed li jkopri l-attività taż-żewġ fergħat tiegħu fi Stat Membru C (filwaqt li jispeċifika l-kodiċi tal-pajjiż tal-fergħa ta' Stat Membru C, flimkien mal-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru A tal-internalizzatur tas-saldu);
- d) rapport wieħed li jkopri l-attività tal-fergħat tiegħu f'pajjiż terz D u pajjiż terz E (filwaqt li jispeċifika l-kodiċi tal-pajjiż TS tal-fergħa, flimkien mal-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru A tal-internalizzatur tas-saldu).

18. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-fergħat ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi jinternalizzaw struzzjonijiet ta' saldu permezz tal-kotba tagħhom jenħtiegħ li jiżguraw li dawn il-fergħat jirrapportawhom l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 9(1) tas-CSDR, f'rapporti konsolidati li jkopru l-attività tagħhom f'kull Stat Membru.

Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej:

Internalizzatur tas-saldu stabbilit f'pajjiż terz għandu fergħa fi Stat Membru A, u żewġ fergħat fi Stat Membru B. Jenħtiegħ li japplika dan li ġej:

- a) L-awtorità kompetenti fi Stat Membru A jenħtiegħ li tiżgura li tirċievi rapport wieħed li jkopri l-attività ta' saldu internalizzat tal-fergħa fi Stat Membru A.
- b) L-awtorità kompetenti fi Stat Membru B jenħtiegħ li tiżgura li tirċievi rapport wieħed li jkopri l-attività ta' saldu internalizzat taż-żewġ fergħat fi Stat Membru B.

5.3 Parametri tar-rappurtar tad-data

19. Jenħtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-internalizzaturi tas-saldu jinkludu l-ewwel żewġ karattri tal-ISINs fir-rapporti.

Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/391, il-LEI tas-CSD emittent jenħtiegħ li timtela wkoll mill-internalizzatur tas-saldu; potenzjalment, diversi CSDs Emittenti jistgħu jiġu inklużi fir-rigward tat-titoli identifikati miż-żewġ karattri tal-ISINs. Il-kodiċi tal-pajjiż tas-CSD Emittenti ma għandux jimtela mill-internalizzatur tas-saldu, minħabba li jiġi ddeterminat mis-sistema tal-IT tas-CSDR tal-ESMA.

20. Jenħtiegħ li l-internalizzaturi tas-saldu jinkludu kull struzzjoni separata ta' saldu internalizzat fiċ-ċifri aggregati (jiġifieri rappurtar ta' żewġ naħat).

21. Jenħtiegħ li l-volumi jkunu espressi fin-numru ta' struzzjonijiet ta' saldu internalizzati.

22. Jekk matul trimestru kopert minn rapport, struzzjoni ta' saldu internalizzat ma jirnexxilhiex tissaldja għal diversi jiem wara d-data ta' saldu intiża (ISD), inkluż il-każ fejn l-istruzzjoni ta' saldu tiġi kkanċellata, jenħtiegħ li tiġi rrappurtata bħala li "falliet" billi jitqies kull jum meta ma jirnexxilhiex tissaldja. Jenħtiegħ li tiġi rrappurtata bħala "salddata" jekk tiġi ssalddata matul it-trimestru kopert mir-rapport.

Jekk jogħġbok ara l-eżempju li ġej: Jekk matul it-trimestru kopert mir-rapport, struzzjoni ta' saldu internalizzat b'valur ta' EUR 100 tonqos milli tissalda għal 3 jiem, u mbagħad tiġi saldata, jenħtiegħ li tiġi rrappurtata kif ġej (meta jitqies ir-rappurtar ta' żewġ naħat):

Salddata		Falliet		Total	
Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)
2	200	6	600	8	800

23. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/393, (i) il-perjodu li għandu jkopru l-ewwel rapport huwa dak bejn l-1 ta' April 2019 u t-30 ta' Ġunju 2019, u (ii) l-internalizzaturi tas-saldu għandhom jibagħtu l-ewwel rapport lill-awtoritajiet kompetenti sat-12 ta' Lulju 2019.

5.4 Proċess għas-sottomissjoni ta' rapporti ta' saldu internalizzat mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA, ibbażati fuq ir-rapporti li rċievew l-awtoritajiet kompetenti mingħand internalizzaturi tas-saldu

24. Jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-internalizzaturi tas-saldu jissottomettu d-data skont l-Artikolu 9 tas-CSDR f'format XML, waqt li jikkonformaw ma' skema XSD tad-definizzjoni tal-messaġġ tal-ISO 20022 kandidata maqbula, li għandha tiġi ppubblikata mill-ESMA, li mbagħad jenġtiegħ li tintuża mill-awtoritajiet kompetenti meta jissottomettu d-data lill-ESMA.
25. Jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu lill-ESMA r-rapporti individwali li jirċievu mingħand l-internalizzaturi tas-saldu wara li jkunu vvalidawhom.
26. Wara l-kontrolli ta' validazzjoni mwettqa mis-sistema tal-IT ddedikata tal-ESMA, tali regoli ta' validazzjoni tat-trażmissjoni tad-data (eż. fajl mhux imħassar), ir-regoli tal-validazzjoni tal-format tad-data (eż. jikkonforma mal-iskema tal-XSD ISO-20022), u r-regoli ta' validazzjoni tal-kontenut tad-data (eż. it-total ta' volum issaldat u ta' volum li ma rnexxilux jiġi ssaldat irid ikun daqs il-volum totali), l-awtoritajiet kompetenti jirċievu fajl ta' feedback li jikkonferma l-wasla jew li jinnotifikahom bl-iżbalji ta' validazzjoni.
27. F'każ ta' żbalji ta' validazzjoni notifikati mill-ESMA, jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw id-data mal-internalizzaturi tas-saldu u jipprovdu feedback lill-ESMA. Jekk ikun meħtiegħ, jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu mill-ġdid id-data korretta lill-ESMA.

5.5 Proċess għas-sottomissjoni tar-rapporti dwar ir-riskji potenzjali li jirriżultaw minn attività ta' saldu internalizzat mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA

28. Jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa lill-ESMA dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta minn attività ta' saldu internalizzat skont l-Artikolu 9 tas-CSDR, billi jużaw formola ta' dħul fuq il-web fi ħdan l-interfaċċa ta' sigurtà tal-web tal-ESMA, li jenġtiegħ li timtela manwalment, u tippermetti l-identifikazzjoni tal-utent aħħari.
29. Jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu input validu dwar il-qasam żbaljat rispettiv, jekk l-iżbalji tad-data jiġu identifikati wara l-validazzjoni tal-formola ta' dħul mas-sottomissjoni tal-formola tad-dħul tal-web tal-awtorità kompetenti.


5.6 Access għad-data mill-awtoritajiet kompetenti

30. Jenġtiegħ li kull awtorità kompetenti tkun kapaċi taċċessa d-data sottomessa minnha stess lill-ESMA, kif ukoll id-data sottomessa minn awtoritajiet kompetenti oħra relatati mal-ġurisdizzjoni tagħha (jenġtiegħ li r-rilevanza tiġi ddeterminata permezz tal-kodiċi tal-pajjiż tal-internalizzatur tas-saldu, il-kodiċi tal-pajjiż għall-fergħat, il-LEI tas-CSD emittent u l-kodiċi tal-pajjiż, l-ewwel żewġ karattri tal-ISINs). Jenġtiegħ li l-awtoritajiet kompetenti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw data dwar it-titoli ta' pajjiżi terzi.

Anness għal-Linji Gwida - Dijagrammi ta' Xenarji u Eżempji ta' Rappurtar

Il-lista li ġejja mhijiex neċessarjament eżawrjenti.

XENARJU 1 – L-internalizzatur tas-saldu (SI) għandu kont omnibus wieħed fis-CSD, inklużi kemm titoli ta' klijent A kif ukoll titoli ta' klijent B. L-SI ma jibgħat l-ebda struzzjoni lis-CSD fir-rigward tal-istruzzjonijiet li s-SI ikun irċieva mingħand il-klijenti tiegħu.




Eżempji ta' rappurtar⁶: (L-SI jirrapporta l-istruzzjonijiet ta' saldu internalizzati kollha irrISPettivament minn kwalunkwe nettjar possibbli) – l-SI jirrapporta 4 struzzjonijiet: **200x2** u **70x2**

- 1) Klijent A jgħaddi 200 titolu lil klijent B
- 2) Klijent B jirċievi 200 titolu mingħand klijent A
- 3) Klijent B jgħaddi 70 titolu lil klijent A
- 4) Klijent A jirċievi 70 titolu mingħand klijent B

⁶ Għal raġunijiet ta' sempliċità, l-eżempji jħarsu biss lejn il-komponent tat-titoli.

XENARJU 2 – L-Internalizzatur tas-saldu (SI) għandu żewġ kontijiet ta' titoli fis-CSD, wieħed għat-titoli ta' klijent A u wieħed għat-titoli ta' klijent B. SI jibgħat struzzjonijiet lis-CSD għas-saldu tad-differenza netta fir-rigward tal-istruzzjonijiet li l-SI jkun irċievi mingħand il-klijenti tiegħu.



Eżempji ta' rappurtar ⁷: (L-SI jirrapporta l-istruzzjonijiet ta' saldu internalizzati kollha irrISPettivament minn kwalunkwe nettjar possibbli) – l-SI jirrapporta 4 struzzjonijiet (għall-parti li ma ġietx sottomessa għas-saldu fis-CSD): **70x4**

- 1) Klijent B jgħaddi 70 titolu lil klijent A
- 2) Klijent A jirċievi 70 titolu mingħand klijent B
- 3) Klijent A jgħaddi 70 titolu lil klijent B


⁷ Għal raġunijiet ta' sempliċità, l-eżempji jħarsu biss lejn il-komponent tat-titoli.

4) Klijent B jirċievi 70 titolu mingħand klijent A

Spjegazzjoni:

- Fir-rigward tal-4 struzzjonijiet li għandhom jiġu rrapportati mill-SI:
 - o 2 struzzjonijiet jikkorrispondu mat-trasferiment ta' titoli minn B għal A kif jidher fil-graff.
 - o iż-2 struzzjonijiet li jifdal ma jidhrux b'mod espliċitu fil-graff; dawn huma inklużi fit-trasferiment tat-titoli ta' 200 minn A għal B.
- Fi kliem ieħor, it-trasferiment ta' titoli ta' 200 minn A għal B jinqasam fi tnejn:
 - o l-ewwel parti (130) hija koperta fil-livell tas-CSD, u ma teħtieġx li tiġi rrapportata bħala saldu internalizzat.
 - o il-parti tas-70 li jifdal titqies bħala saldu internalizzat fil-livell tal-SI, u għalhekk trid tiġi rrapportata mill-SI (tingħadd darbtejn).

XENARJU 3– Internalizzatur tas-saldu (SI 1) għandu żewġ kontijiet ta' titoli ma' internalizzatur tas-saldu ieħor (SI 2), wieħed għat-titoli ta' klijent A u ieħor għat-titoli ta' klijent B. SI 1 jibgħat struzzjonijiet lil SI 2 għas-saldu tad-differenza netta fir-rigward tal-istruzzjonijiet li SI 1 ikun irċieva mingħand il-klijenti tiegħu.



Eżempji ta' rappurtar⁸ (filwaqt li jitqies ir-rappurtar ta' żewġ naħat):

- SI 1 jirrapporta 4 struzzjonijiet: **70x4**
 - 1) Klijent A jgħaddi 70 titolu lil klijent B
 - 2) Klijent B jirċievi 70 titolu mingħand klijent A
 - 3) Klijent B jgħaddi 70 titolu lil klijent A
 - 4) Klijent A jirċievi 70 titolu mingħand klijent B

⁸ Għal raġunijiet ta' sempliċità, l-eżempji jħarsu biss lejn il-komponent tat-titoli.

- SI 2 jirrapporta 2 struzzjonijiet: **130x2**
 - 1) Klijent A jgħaddi 130 titolu lil klijent B
 - 2) Klijent B jirċievi 130 titolu mingħand klijent A

Spjegazzjoni:

- Fir-rigward tal-4 struzzjonijiet li għandhom jiġu rrapportati mill-SI 1:
 - o 2 struzzjonijiet jikkorrispondu mat-trasferiment ta' titoli minn B għal A kif jidher fil-graff.
 - o iż-2 struzzjonijiet li jifdal ma jidhrux b'mod espliċitu fil-graff; dawn huma inklużi fit-trasferiment tat-titoli ta' 200 minn A għal B.
- Fi kliem ieħor, it-trasferiment ta' titoli ta' 200 minn A għal B jinqasam fi tnejn:
 - o l-ewwel parti (130) hija koperta fil-livell ta' SI 2, u se jkollha tiġi rrapportata bħala saldu internalizzat minn SI 2 (tingħadd darbtejn).
 - o il-parti tas-70 li jifdal titqies bħala saldu internalizzat fil-livell tal-SI 1, u għalhekk trid tiġi rrapportata mill-SI 1 (tingħadd darbtejn).